

Brussell, 11 ta' Frar 2025
(OR. en)

16703/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0267(NLE)

RECH 541
COASI 203

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-partekipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra,
dwar il-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 186 u 212 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
F'konformità mal-mandat tal-Kunsill, il-Protokoll dwar l-Assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Korea ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) ġie nnegożjat b'mod parallel mal-Ftehim u, skont l-Artikolu 17(9) tal-Ftehim, jiffirma parti integrali minnu.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni (ĠU L, ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-deċiżjoni li tinsab fid-Dokument ST 16702/24 u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-firma tal-ftehim li jinsab fid-dokument ST 16701/24.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteciċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

(3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fi programmi tal-Unjoni huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁴.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.